**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 52 – 17 ta' Settembru 2018**

***Minuti tat-52 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-17 ta' Settembru, 2018 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 52. Il-laqgha bdiet fil-6:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**52.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Kunsilliera Roderick Aquilina, Kevin Glynn, Clive Azzopardi u George Cortis kienu nfurmawha li ma setghux jattendu.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillier Chris Bongailas talab li ssir korrezzjoni sabiex fil-minuti jkun hemm nkluz 'il-perit tal-kunsill ghandu jkun inkarigat biex jipprovdi das-servizz bir-rata ta' Eur80 kif kien imsemmi waqt il-laqgha, dan ghandu jsir permezz ta' rapport li jinkludi hekk:

Ritratti tal-bankina lesta u kompluta, konferma li l-madum tpogga skond is-sengha u li gie ttestjat (mhux visual inspection biss), u dikjarazzjoni personali u professjonali li tghabbih b'responsabbilta' f'kaz ta' difetti li jistghu jitfaccaw f'certu zmien stipulat (sitt xhur ezempju) mid-data tar-request for clearance. Dan jista jsir permezz ta' formola standard li tigi ffirmata u ttimbrata mil-perit tal-kunsill. (Ir-rata ghandha tigi riveduta kull 5 snin u tinkludi VAT).'

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 52 jigu approvati b'din l-emenda. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.3.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li hemm applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex d-dar li kien joqghod fiha Dun Mikiel Xerri isiru xi tibdiliet fiha. Il-Kunsill qabel li ghandha tikiteb *letter of concern* fejn fiha jinghad li din id-dar fiha valur storiku u anke kulturali.

52.3.2 Gie maqbul li dawn it-toroq godda li jaghtu ghal Frans Sammut ghandhom jissemmew ghal Pina Attard u ghal Professur Tony Zammit.

52.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament li huwa kontra li jigu rilaxxati aktar bziezaq fil-festi u attivitajiet ohra.

**52.4 Jum Haz-Zebbug**

Wara diskussjoni gie maqbul li jinghata Gieh Haz-Zebbug lil Simone Attard u lil Lawrence Schembri, filwaqt li ghandu jinghata rikonoxximent lil Peter Paul Ciantar u Patrick Bonnici. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li bhalissa ghaddejjin il-preparamenti tas-soltu sabiex tittella din l-attivita.

**52.5 Gnien l-Infetti**

Is-Sindku Sarah Agius fakret lill-Kunsill li ser jitwahhlu tlett busti ta': Frans Sammut, t-Tabib Philip Muscat u n-Nutar Philip Saliba.

Il-Kunsill ghad m'ghandux data meta ser jigi nawgurat Gnien l-Infetti, pero x-xoghol miexi gmielu.

**52.6 Trinka go Triq Bartilmew Attard**

Il-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li ssir din it-trinka bil-kundizzjoni li jinghataw il-kundizzjonijiet tas-soltu, li jsir re-instatement xieraq, u kull hsara li tinqala hija responsabbilita ghalih.

**52.7 Ghoti ta Demm**

Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru l-arrangamenti sabiex jsir l-ghoti tad-demm.

**52.8 Tenders miftuha**

Dwar it-tenders li hemm bhalissa pendenti, s-Segretarju qalet li bhalissa qed tipprova tistabilixxi data sabiex issir laqgha tal-aggudikazzjoni tal-bord tat-tenders. Dawn sabiex jigu diskussi u decizi.

**52.9 Ritemix**

Is-Segretarju gabet ghall-attenzjoni l-Eur5,250 li jidhru li huma dovuti mir-Ritemix lejn il-Kunsill. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li dawn il-flus huma dovuti ghall-billboards li saru sabiex jippromwovu l-progett. Hu talab lis-Segretarju tfittex sewwa fir-rekords, ghax din il-klawsola qieghda specifikament imsemmija fil-kuntratt. Talab ukoll li jigu prezentati l-kontijiet ta' dak iz-zmien, ghall-billboards li kienu saru.

**52.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Il-kumplament tal-vot gie approvat unanimament.

**52.11 Twegibiet Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**52.12 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghad-9 ta' Ottubru 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-7:55pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |